MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Numru 48/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Pierre Grech**

**v**

**ASHOUR MOHAMED KASEM AGHA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ASHOUR MOHAMED KASEM AGHA** ta' tlieta w tletin sena, bin Mohamed u Zora imwieled l-Libja nhar t-tnejn ta' Dicembru 1973 u residenti l-Kalkara, detentur ta' passaport Libjan numru 525635 gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-erbatax ta' Frar 2006 kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond

d-disposizzjonijiet tar-raba u tas-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi skur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [GN 292/1939] kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputat jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-Fiat tal-Avukat Generali datat sittax ta’ Frar 2006 ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) esibit bhala dokument CSH 2 tal-atti sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur ta’ provvedimenti tal-istess ordinanza.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-fedina penali tal-istess imputat esibita bhala dokument CSH 1 u l-istqarrija tal-imputat rilaxxjata nhar l-hmistax ta' Frar 2006 esibita fl-atti ta’ dan il-procediment.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370(40, 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar s-sittax ta’ Frar 2006 u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tas-sittax ta' Frar 2006 u dan fil-prezenza tal-interpretu mahtur mill-Qorti Aronne Haroun u tal-avukat difensur tal-imputat.

Illi ghalhekk rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Semghet lil Il-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-ammont ta’ droga misjuba f’dan il-kaz kienet wahda negligibbli, li l-imputat jinsab hawn Malta bla viza u li ser jigi mizmum sakemm jigi deportat u ghalhekk ma tinsistix ghal piena karcerarja.

**Illi ghalhekk l-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 8(a)(b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li ssib lil imputat ASHOUR MOHAMED KASEM AGHA hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta’ tmintax il-xahar mill-lum ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat, tramite l-interpretu mahtur minnha Aronne Haroun, l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**Il-Qorti tinnomina lil Godwin Sammut sabiex jaghmel d-distruzzjoni tad-dokumenti relatati mad-droga esibiti llum f'dawn il-proceduri u dan a spejjes tal-imputat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------